MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 486/1997/1

David Hopkins
vs
Telemalta Corporation u b'digriet ta' l-10 ta' Mejju giet koretta ghal Maltacom p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1994 ir-rikorrent sofra ingustizzja meta ma giex moghti promozzjoni dovuta lilu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien gie impjegat mal-Korporazzjoni intimata fl-1975. Qabel din id-data kien impjegat mal-Cable & Wireless fejn kien stazzjonat l-External Division jaghmel xoghol ta' tekniku fit-Telex Exchange. L-ahhar

promozzjoni li kien inghata r-rikorrent kienet dik ta' T.O.1 fl-1986. Fl-1993 kien gie trasferit ghal Wied Rini fuq talba tieghu stess biex jaghmel xoghol ta' Radio Telephone Officer. Fl-1994 kienet harget applikazzjoni ghall-grad ta' Customs Service Officer (Cirkulari 4/94). Madwar sena jew aktar kienu baghtu ghan-nies kollha li kienu CSA biex jattendu ghall-interview. Xi xahar jew ftit aktar wara kienu hargu l-promozzjonijiet u r-rikorrent kien gie maqbuz kemm mis-seniority kif ukoll bhala esperjenza. Ir-rikorrent qatt ma kellu xi rapporti kontra tieghu u dejjem ghamel xogholu b'kull responsabbilta`.

Ghaldaqstant ir-rikorrent hass li din kienet ingustizzja cara ghax qatt ma kellu jigi michud minn din il-promozzjoni u ghadu jbati l-konsegwenzi taghha sal-lum. Minbarra r-rikorrent, dawk kollha li kienu fil-grad ta' RTO ma nghatawx l-anqas promozzjoni.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jsostni l-ilmenti tieghu bil-produzzjoni tax-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju, billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni b'lura u l-beneficcji li ggib maghha jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-Korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Customer Services Officer kienet harget fis-17 ta' Frar 1994. Minhabba tilwim mal-GWU rigward il-hrug ta' din ic-cirkolari, l-process sabiex isiru l-intervisti dam ma mbeda u effettivament kien biss f'Gunju 1995 li kien hemm qbil mal GWU. Il-ftehim kien li ghandhom jissejhu ghall-interview dawk kollha li kienu applikaw jew li kienu jokkupaw il-kariga ta' Customer Services Assistant fid-19 ta' Gunju 1995 irrispettivament minn jekk kienux applikaw jew le.

3. Illi li gara kien li fil-frattemp, ir-rikorrent ma kienx baqa' jokkupa l-grad ta' Customer Services Assistant, u kien gie promoss ghal Radio Telegraphy Operator fil-25 ta' Mejju 1994. Allura skond il-ftehim mal-GWU ma setax jissejjah ghall-interview.

4. Illi inoltre l-istess rikorrent ma kienx applika originarjament meta kien ghadu fil-grad ta' Customer Service Assistant.

5. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-kaz in ezami jirrifletti car illi kien hemm sejha ghall-grad ta' Customer Services Officer li kienet harget fis-17 ta' Frar 1994. Din hija d-data determinanti li bdiet il-process. Gara illi sar xi tilwim mal-General Workers Union dwar il-hrug ta' din ic-cirkulari. Ghalhekk il-process ghall-intervisti dam ma mbeda u kien biss f'Gunju 1995 li

kien hemm qbil mal-General Workers Union. F’dan il-ftehim kien gie deciz li jsegwu ghall-interview dawk kollha li kienu applikaw u kienu jokkupaw il-kariga ta’ Customer Services Assistant fid-19 ta’ Gunju 1995, irrispettivament min jekk kienux applikaw jew le. Issa gara illi fil-frattemp ir-rikorrent ma kienx baqa’ jokkupa l-grad ta’ Customer Services Assistant ghax kien gie promoss ghal Radio Telegraphy Operator fil-25 ta’ Mejju 1994, u cioe` wara d-data originali tas-17 ta’ Frar 1994 meta kienu hargu l-applikazzjonijiet. Dan gie interpretat bil-mod mis-socejta` intimata illi skond il-ftehim mal-General Workers Union ir-rikorrent ma setax jissejjah ghall-interview. Jinghad ukoll illi effettivament ir-rikorrent meta kien ghadu fil-grad ta’ Customer Services Assistant ma kienx applika.

<u>Ir-rikorrent</u> ipprezenta affidavit li jinsab a fol 13 tal-process fejn effettivament isemmi meta dahal mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975. Wara sar Technical Officer u kkonferma fil-fatt illi sar Radio Telegraph Officer fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Mejju 1994. Semma illi bhala gradi fis-sezzjoni tal-Customer Service Unit hemm tlieta u cioe`; Customer Service Officer (CSO), Radio Telegraph Officer (RTO) u Customer Service Assistant (CSA).

Fis-17 ta’ Frar 1994, permezz ta’ cirkolari 4/94 kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-grad ta’ CSO. Dan seta’ japplika ghalih min kien fil-grad ta’ CSA, jew inkella min ikollu izjed minn 50 sena. Sostna li l-Kumpanija effettivament kienet baghtet ghas-CSA’s kollha kif ukoll ghall RTO’s biex jaghmlu intervista u li hu kien gie maqbuz, u qatt ma nghata l-opportunita` li jaghmel l-intervista. L-intervisti kienu saru ferm wara li saret is-sejha u sa liema data r-rikorrent ma kienx ghadu CSA ghax kien lahaq RTO, u kien lahaq ghalaq il-50 sena. Ghaldaqstant kien eligibbli li joqghod ghall-intervista ghall-grad ta’ CSO.

Meta xehed fit-12 ta’ April 2000, semma li meta kien RTO ma kienx applika ghall-kariga ta` CSO minhabba l-fatt li kienu ghamlu l-kundizzjonijiet ghall-applikazzjoni li jrid ikollok 4 ‘O’ Levels fosthom l-Ingliz u l-Malti. Peress li huwa persuna teknika, il-kwalifiki tieghu kienu kollha tas-

City & Guilds. Ghalhekk ma kellux dawk il-kwalifiki biex seta’ japplika. Kien hemm ukoll kundizzjoni ohra li jrid ikollok 50 sena, ma jkunx necessarju li jkollok il-kwalifiki, pero` dak iz-zmien kellu 49. Izda meta saru l-interviews kien lahaq ghalaq il-50 sena.

Xehed Joseph Mallia Technical Executive mal-Maltacom u ilu jahdem hemmhekk ghal dawn l-ahhar 33 sena. Joe Mallia semma, li l-ftehim kien, li ghandhom jissejhu ghall-interviews dawk kollha li kienu applikaw u li kienu jokkupaw il-kariga ta` Customer Service Assistant fid-19 ta` Gunju 1995, irrispettivament min jekk kienux applikaw jew le. Sadanittant, ir-rikorrent ma kienx baqa` jokkupa l-kariga ta` Customer Services Officer u kien gie promoss ghal Radio Telegraphist Officer fil-25 ta` Mejju 1994 u allura skond il-ftehim ma setax jissejjah ghal dan l-interview. Semma li r-rikorrent ma kienx applika ghal din il-kariga meta harget fis-17 ta` Frar 1994. Mid-dokumentazzjoni li kellu kien hemm min kien RTO u resaq. Hu ma kienx cert ghal min kienu baghatu jew le izda zgur li fil-fatt dawn il-persuni resqu ghall-interview bhal Silvia Falzon u Joseph Agius li kienu Radio Telegraphic Officers.

Xehed David Buttigieg li dak iz-zmien kellu l-kariga ta’ Executive Principal mal-Maltacom, li kkonferma li r-rikorrent ma kienx mghajjat biex jaghmel interview ghal CSO u spjega dak li kien gara u li gja ssemma hawn fuq. Informa li r-rikorrent l-anqas biss kien applika meta kien ghadu fil-grad ta’ CSA.

David Buttigieg zied illi dwar Victor Muscat li kien fil-grad ta’ Customer Service Assistant b’effett mill-1 ta’ Gunju 1983, wara ha l-appointment ta’ RTO b’effett mill-25 ta’ Mejju 1994. Dan kien applika taht il-kapacita` tieghu ta’ CSA li kien moghti lilu fl-1993 permezz tal-agreement tas-CSU, u allura kien eligibbli li japplika peress li l-application harget fi Frar 1994. Huwa fil-fatt m’ghaddiex u gab 28 marka biss u fil-fatt illum il-gurnata ghadu RTO. L-istess jinghad dwar Dennis Busuttil u wkoll Silvio Falzon. Fil-kaz ta’ Joseph Agius dan applika fil-kapacita` tieghu ta’ CSA u sar RTO fil-25 ta’ Mejju 1994. Biss ha l-promozzjoni ghal

CSO b'effett mit-2 ta' Lulju 1999 b'rizultat ta' xi applikazzjoni ohra.

Xehed Lino Debono li kien Segretarju tat-Taqsima Komunikazzjoni u Energija li precedentement kienet Taqsima Parastatali mal-General Workers Union li tahtha kienu jaqghu l-haddiema tal-Maltacom. Hu rrefera ghall-ftehim li kien sar bejn il-General Workers Union u l-Maltacom.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi dan jidher li huwa kaz car fejn kawza ta' forsi formalitajiet zejda r-rikorrent gie michud l-opportunita` li joqghod ghall-interview. Kien sar il-ftehim bejn is-socjeta` intimata u l-General Workers Union u kawza ta' dan il-ftehim, wara li kienu hargu l-applikazzjonijiet fis-17 ta' Frar 1994, il-process baqa' jitwal sakemm effettivament kien f'Gunju 1995 meta ntlahaq il-ftehim. Kawza ta' dan il-ftehim kien gie deciz li jintbghatu ghall-interview dawk il-persuni li kienu jokkupaw il-kariga ta' CSA fid-19 ta' Gunju 1995, irrispettivament jekk kienux applikaw jew le, jew ghal persuni li ghalqu l-50 sena.

Gara izda li sadanittant ir-rikorrent ma kienx ghadu aktar CSA izda kien sar RTO u ghalhekk ma kienx seta joqghod ghall-interview. Jinghad illi proprjament dan huwa ftehim fejn sar bejn il-Kumpanija u l-General Workers Union u fi ftehim bhal dan naturalment ma kienx jipprovdi ghal kaz eccezzjonali bhal ma kien dak tar-rikorrent. Jinghad ukoll, illi effettivament, kien hemm kazijiet li ssemmew precedentement fejn nies kienu RTO u xorta wahda thallew jghamlu l-interview. Inoltre r-rikorrent kien lahaq ghalaq il-50 sena u ghalhekk xorta wahda messu gie mholli jaghmel l-interview inforza ta' l-istess ftehim.

Illi ghalhekk hawnhekk it-Tribunal isib, illi saret ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394 mill-Kumpanija kontra r-rikorrent. Jinghad pero`, illi din it-tip ta' ingustizzja ma kenitx xi wahda fejn effettivament kien hemm xi intenzjoni li ssir xi ingustizzja fil-konfront tieghu, izda kienet kawza ta' burokrazija zejda, izda li xorta wahda lir-rikorrent affettwatu.

Ghalhekk it-Tribunal, peress li jsib l-ilment gustifikat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrikkmanda illi r-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta' Customer Service Officer b'effett mill-istess data li nghataw l-impjegati l-ohra tal-Maltacom, wara c-cirkolari 4/94, u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.